

Brussell, 1 ta' Ottubru 2025  
(OR. en)

13457/25  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0310 (NLE)

---

CCG 35

## PROPOSTA

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
|-------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| data meta waslet: | 1 ta' Ottubru 2025                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| Suġġett:          | ANNESS<br>ta'<br>Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill<br>dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili dwar il-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur fi tranżazzjonijiet <i>de minimis</i> li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 582 annex.

Mehmuż: COM(2025) 582 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.10.2025  
COM(2025) 582 final

ANNEX

ANNESS

ta'

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili dwar il-klassifikazzjoni tar-riskju tad-debitur fi tranżazzjonijiet *de minimis* li jinvolvu inġenji tal-ajru agrikoli**

## ANNESS

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub tal-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("FSIA") hija li tappoġġa l-bidliet fin-noti 2 u 3 f'qiegħ il-paġna tal-Appendiċi II (Rati Minimi tal-Primjum) tal-FSIA kif stabbilit f'dan l-Anness. Hawn taħt qed isiru referenzi għan-noti f'qiegħ il-paġna tal-FSIA. Iż-żidiet huma **b'tipa grassa sottolinjata**:

### APPENDIĊI II

#### RATI MINIMI TAL-PRIMJUM

<sup>2</sup> *Għal tranżazzjonijiet b'valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun, **jekk l-esportazzjoni tinvolvi inġenji tal-ajru agrikoli u d-debitur aħħari jkun bidwi jew kumpanija tal-bexx, Parteċipant jista' japplika l-klassifikazzjoni tar-riskju li jqis xierga u għandu jinnotifika t-tranżazzjoni f'konformità mal-Artikolu 24(a) ta' dan il-Ftehim Settorjali. Għat-tranżazzjonijiet l-oħra kollha b'valur tal-esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun (b'mod partikolari dawk fejn id-debitur aħħari huwa linja tal-ajru jew kumpanija tal-kiri tal-inġenji tal-ajru, irrISPettivament minn jekk l-esportazzjoni tinvolvix inġenji tal-ajru agrikoli)** Parteċipant li ma jixtieqx isegwi l-proċedura ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita fl-Artikoli 6 sa 8 ta' dan l-Appendiċi għandu japplika l-klassifikazzjoni tar-riskju "8" għax-xerrej/għall-mutwatarju li huwa s-suġġett tat-tranżazzjoni u għandu jinnotifika t-tranżazzjoni f'konformità mal-Artikolu 24(a) ta' dan il-Ftehim Settorjali.*

<sup>3</sup> *Għal tranżazzjonijiet b'valur tal-kuntratt ta' esportazzjoni ta' inqas minn USD 5 miljun, **ħlief għal tranżazzjonijiet li għandhom jiġu nnotifikati f'konformità mal-Artikolu 24(a) skont in-nota 2 f'qiegħ il-paġna ta' dan l-Appendiċi,** għandu japplika perjodu ta' 5 ijiem ta' xogħol.*